# WAĦDI

*Ħalluni waħdi ħiemed fuq il-plajja,*
*Fejn ruħi jħannen it-tħaxwix tal-mewġa,*
*Fejn ħsiebi jinsa l-hemm li taf il-ħajja.*
*Imnikker bit-tmellis nessej tal-fewġa.*
*Ħalluni nongħos lejn dinjiet li jsaħħru,*
*Bil-ġmiel ta' ħolma bħal tax-xefaq mieles*
*U nżur bi ħsiebi fejn qatt nies ma baħħru,*
*U waħdi ngħanni l-għaxqa li nkun ħieles.*

*Oh! ħallu 'l frieħ ta' ajkla 'l ħsibijieti*
*Li jbejtu ma' l-irdum tal-ħajja jwerżqu*
*Imtajra fuq ir-rawx tal-mewġ imqieti*
*Lejn xefaq li jħajjarhom dejjem jersqu.*
*W imqarrqa jimxu miegħu 'il quddiem,*
*Sa tixref art fejn biss jinsab is-sliem.*

Ġ. V. Galea.